MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1178/2004

**Central Marine Limited**

**vs**

**VCT Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm335.98) rappresentanti l-import, in kwantu ghal Lm100.78 ghal noll u charges ohra dovuti in konnessjoni mal-garr u skarikar ta' merkanzija li waslet Malta fis-27 ta' Lulju 2003 fuq il-vapur "Bulpride' skond l-invoice Dokument A anness ma'l-avviz, u in kwantu ghal Lm237.76 ghal noll u charges ohra dovuti in konnessjoni mal-garr u skarikar ta' merkanzija li wasslet malta fl-1 ta' Awissu 2003 fuq il-vapur "Safamarine Kimley" skond l-invoice immarkat bhala Dokument B. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali

datata 22 ta’ April 2004 u bl-imghax legali minn din id-data kontra s-socjeta konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm335.98), bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ April 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-22 ta’ April 2004, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------